SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Giljan

**Laqgħa Nru.28/K8/17**

Data tal-laqgħa:08 ta' Marzu 2017

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Martin John Sultana – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier
John Agius- Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier
Edgar Montanaro – Kunsillier
Clayton Tanti Gregoracy – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (3)) – (1)**

Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg informa lis-Segretarju verbalment li ma' setgħax jattendi għal-laqgħa minħabba raġunijiet personali.

**Assenti:(0)**

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech - Skrivana

**Minuti**

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Is-Sindku Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**28.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

28.1.01 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg informa lis-Segretarju verbalment li ma setgħax jattendi għal-laqgħa minħabba raġunijiet personali. Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni.

**28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjonital-Minuti;**

28.2.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 27/K8/17 għall-approvazzjoni.

28.2.02 Il-Kunsillier Martin John Sultana talab li ssir korrezzjoni f'27.3.06 sabiex jiżdied is-suġġett li ser jiġi diskuss waqt il-laqgħa li huma l-Ground ta' Ta' Ġiorni, id-Dar ta' l-Anzjani u Palazzo Spinola.

28.2.03 Iċ-Ċermen talab li fir-rigward l-item fejn ġie diskuss is-Sotto Kumitat ta' l-Ambjent jitniżżel ukoll is-Sur Adrian Cachia.

28.2.04 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 27/K8/17 bil-korrezzjonijiet li saru.

28.2.05 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu bil-korrezzjonijiet li saru.

28.2.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajma mill-Minuti**

28.2.01 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt fir-rigward il-Bus Stop ġdida li kellha ssir fi Triq Lapsi ftit 'il fuq mill-Merħba Pharmacy huwa ġie nfurmat li min-naħa tal-Kunsill ser tintbagħat site plan u r-ritratt lil Faces Ltd

28.2.02 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li s'issa ma' rċieva l-ebda risposta mingħand is-Sur Silvio Scerri mit-Transport Malta dwar issues pendenti li hemm.

28.2.03 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li is-Sur Jean Luc Micallef li kien talab biex iwaħħal banners fil-lokalita' iltaqa' mal-Għaqda ta' San Ġiljan kif ukoll ma' l-Għaqda tal-Balluta.

28.2.04 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li l-laqgħa mal-Onor. Stefan Bountempo saret fejn saru d-diskussjonijiet fir-rigward id-Dar ta' l-Anzjani, il-Ground tal-futbol u Palazzo Spinola fejn min-naħa tiegħu ħa l-punti neċessarji. Inbagħtu wkoll id-dokumenti li ġew mitluba waqt il-laqgħa.

**28.3 Żvillupi fuq St. Patrick's Day**

28.3.01 Iċ-Ċermen spjega li l-Kunsill kien irċieva ittra mingħand l-Avukat Dr. Luciano Busutill f'isem Tigulio, r-Ryan's Pub u s-Saddles filwaqt li kien ingħata risposta min-naħa ta' l-Avukat tal-Kunsill għal allegazzjonijiet li kien hemm f'din l-ittra, ġie sottomess mandat ta' inibizzjoni kontra l-Kunsill u l-Massive Promotions dwar il-permessi li ħarġu lil dawn min-naħa tal-Kunsill. Fuq parir ta' l-Avukat tal-Kunsill kienet qed tiġi ppreparata risposta għal mandat ta' inibizzjoni. Fl-istess waqt, il-Kunsill irċieva emails mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fosthom b'talba sabiex jintbagħtu l-permessi kollha li l-Kunsill ħareġ għall-attivita' ta' St. Patrick's Day.

28.3.02 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill ukoll li meta saret il-laqgħa mas-Sur Philippe Gatt, ir-Ryan's Pub, is-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll is-Sindku, fejn ġiet diskussa l-problema li kienet ser tittela' tinda quddiem ir-Ryan's Pub, din ġiet solvuta wkoll.

28.3.03 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt li sallum l-mozzjoni li ressaq hu ma' kunsilliera oħra fir-rigward ta' attivitajiet ta' massa li jinżammu ġewwa San Ġiljan baqgħet ma ġietx diskussa. Iċ-Ċermen qal li saru diversi tentattivi biex issir din il-laqgħa pero' dejjem instabet problema biex insibu l-ħin u d-data addatata għal kulħadd u wiegħed li ser jagħmel tentattiv ieħor.

28.3.04 Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill jistenna l-eżitu tas-smiegħ tal-Qorti sabiex ikun hemm deċiżjoni, il-Kunsill jiltaqa' b'mod urġenti fejn jiddiskuti l-azzjonijiet li jkunu meħtieġa. Din il-laqgħa tal-Kunsill ser tiġi msejħa nhar it-Tlieta 14 ta' Marzu 2017 jew l-Erbgħa 15 ta' Marzu 2017 fl-4.00p.m.

28.3.05 Il-Kunsill irċieva talba mingħand is-Sur Matthew D'Emanuele (Inc. 1396/17) għal permess f'San Patrizju. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma' jsib l-ebda oġġezzjoni dment li ma tingħalaqx it-triq u jiġi l-Kunsill jagħmel il-permessi kollha neċessarji.

28.3.06 Il-Kunsill irċieva talba mingħand is-Sur Ramon Debattista (Inc. 1525/17) għal permess f'San Patrizju. Wara diskussjoni qasira

ġie deċiż li tingħata *no objection* bil-kundizzjoni li l-mużika tindaqq sa' 12.00a.m.

28.3.06 Il-Kunsill irċieva talba mingħand is-Sur Niki Papagiorcopulo f'isem l-Għaqda Dilettanti Knisja ta' Lapsi dwar San Patrizju. Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li l-Kunsill ma' jsib l-ebda oġġezzjoni u li ċ-Ċermen ser ikellimhom min-naħa tiegħu.

**28.4 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

28.4.01 Il-laqgħa ntemmet fis-6.00p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 14 ta' Marzu 2017 jew l-Erbgħa 15 ta' Marzu 2017 fl-4.00p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 16 ta' Marzu 2017